KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

12 t'April, 2010

LILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL LOKALI T'GHAJNSIELEM

Is-sitta w ghoxrin laqgha ta' dan il-Kunsill ser tinzamm nhar il-Hamis, 15 t' April, 2010 fl-Ufficcju tal-Kunsill, fil-*5.00 ta' wara nofs in-nhar.* Kulhadd huwa mitlub li jattendi u jkun fil-hin.

## AGENDA

1. Talba
2. Minuti
3. Korrispondenza
4. Italia-Malta
5. L-istat u s-sitwazzjoni tal-Belvedere ta' Triq Hamri
6. It-Traffic lights hdejn il-Gozo Heritage
7. L-istat ta' Triq Cordina
8. Gemellag ta' Tolfa jzur Ghajnsielem
9. Bethlehem f'Ghajnsielem
10. Kemuna (Action Group & Bye Laws)
11. Notte Gozitana
12. Materji ohra

Grazzi u tislijiet,

A. Cauchi

Amanda Cauchi
Seg. Ezekuttiv

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. GSM 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

Minuti tas-sitta w ghoxrin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar il-Hamis, 15 t'April 2010, fil-5.30 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-sindku qal talba, ta bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni tal-minuti:

   Paragrafu numru 5: Is-Sur Larry Buttigieg gibet l-attenzjoni li t-*tournaments* ta' l-*snooker* u bocci huma organizzati mal-kazin tal-banda u mal-kazin tal-*football* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill

3. Approvazzjoni tal-minuti:

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

4. Korrispondenza

   4.1. Is-sindku spjega fil-qasir il-***memos*** u l-**mistoqsijiet parlamentari** li waslu l-kunsill f'dan l-ahhar xahar, bir-risposti taghhom.

   4.2. Is-sindku rega' fakkar lil dawk prezenti li s-segretarju ezekuttiv issa sar haddiem tac-civil, fejn zdiedet aktar r-responsabilita' b'mod partikolari fejn jidhlu l-finanzi tal-Kunsilli Lokali lejn il-gvern centrali.

   4.3. Fit-12 t'April, ghalqet l-applikazzjoni ghall-program ***Italia-Malta***, fejn dan il-Kunsill applika fuq tlett progetti. Is-sindku spjega li dawn il-progetti huwa mmirati ghat-turizmu f'Ghajnsielem, bi shab ma' kunsilli ohrajn, kemm lokali u kemm min nahha t'isfel ta' Sqallija. Ir-risposta ghal dawn il-progetti minn nahha

tal-*ppcd* ghandha tkun ghall-ahhar t'Awwissu. Is-sur Camilleri qabel li ghandna nheggu t-turizmu f'Ghajnsielem u semma l-fatt li Ghajnsielem ghandu l-*cart ruts* li ma jigux mghotija l-importanza taghhom. Is-sindku kompla zied li ma dawn hemm iz-zewg tempji neolitici u postijiet ohra ta' zmien il-kavallieri.

4.4. Wiehed mis-seminars li gew imtella f'dan l-ahhar xahar kien wiehed offrut mill-**ETC**, fejn kemm is-sindku kif ukoll is-segretarju ezekuttiv attendew. Dan kien wiehed t'informazzjoni fuq l-iskemi li ghandhom prezenti u l-beneficcji li jistghu jkunu ntitolati ghalihom l-istudenti u r-residenti. Il-kunsill qabel li jekk ikun hemm l-interess minn nahha tar-residenti ghal-dawn il-korsijiet, il-kunsill lest li jsejjah laqgha pubblika t' informazzjoni li tkun immexxija minn esperti ta' l-E.T.C.

4.5. Is-sindku qara' l-ittra li rcieva mill-**Ghaqda Armar**, fejn qeghdin jissugerrixxu li jtellghu attivita fl-Lulju, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill, li fiha jofru serata differenti minn tas-soltu. Il-Kunsill qabel li jikseb il-permessi necessarji ghal din l-attivita` kif ukoll jaghti l-premjijiet f' diversi kompetizzjonijiet.

4.6. Is-sindku stqarr li l-kunsill ircieva *cheque* ta' **€4,515.79** li jirreflettu l-parti li tmiss lill-kunsill bhala hlas ta' citazzjonijiet tas-sena li ghaddiet. Huwa zied jghid li fil-laqgha li giet imtella' apposta fuq s-sistema ta' *LES*, l-Onor. Chris Said zvela li din is-sistema qeghda tigi riveduta.

4.7. Is-Sur Peter Caruana ta rendikont ta' l-attivita` **'Nazzareno Vella Award'**, li dan il-Kunsill kien innomina lis-Sinjura Antonia Spiteri. Il-premju ntrebah mit-tabib, Victor Griffin, li wettaq xoghol siewi tul hajtu ma nies fil-bzonn.

4.8. Is-sindku wera l-korrispondenza li ntbghatek bejn l-**AKL u WSC**. Wara li l-AKL harget direttiva lill-Kunsilli Lokali biex ma johorgux permessi lill-WSC ghax dan id-Dipartiment ma riedx ihallas l-arretrati lill-kunsill lokali tat-*trenching*. Wara dan il-W.S.C. rivediet il-pozizzjoni taghha u ntlahaq ftehim li jhalsu l-kontijiet pendenti minn nahha taghhom. Il-ftehim kien li l-WSC thallas id-dejn mal-kunsilli kkoncernati mis-sena 2007 s'issa, fuq bazi ta' tlett snin, billi din is-sena jithallas l-ammont tas-sena 2007.

4.9. Is-sindku qara ittra minn ghand l-avukat Mario Xerri ghan nom tas-sinjura **Rita Galea** fejn dan qed jitlob lill-kunsill ghad-danni li sofriet is-sinjura Galea minhabba traskuragni tal-kuntrattur meta din kissret idejha waqt li kien qed isir ix-xoghol ta' tarmac fit-Triq Hamri. Is-sindku qal li hu kien kellem lill-avukata tal-kunsill biex tirrispondi l-ittra ta' l-avukat Xerri u qara wkoll din l-ittra. Is

sindku kompla jghid li l-kuntrattur gie informat b'dan il-kaz u ntbaghtu kopji ta' l-ittri ta' l-avukati lill-istess kuntrattur. Is-sindku qal li hu personalment kellem lill-kuntrattur biex jintlahaq ftehim u tinghata xi tip ta' kumpens lis-sinjura Galea minn naha tal-kumpanija tieghu. Il-kuntrattur qallu li kien ser jghaddi l-informazzjoni kollha u l-ittri ta' l-avukati lill-*insurance* tal-kumpanija u wara jinforma lill-kunsill bir-risposta ta' l-*insurance.*

4.10. Attivita` ohra li giet organizzata dan l-ahhar xahar kienet it-tqassim ta' vouchers ghall-kotba tal-**libreriji** mis-segretarjat ta' l-Onor. Chris Said. Dawn huma bhala ghajnuna *'extra'* lill-kunsilli lokali, biex b'hekk ikun jista' jixtri aktar kotba ghall-uzu tal-pubbliku.

4.11. Is-sindku wera l-***management letter*** li rcieva l-kunsill mill-ufficju nazzjonali ta' l-awdituri. L-awdituri gibdu l-attenzjoni li l-kunsill qatt ma ghamel inventarju, b'mod partikolari fuq *street furniture* li tinsab mifruxa mar-rahal. Is-sindku spjega li dan il-inventarju huwa mportanti hafna li jibda jinzamm u ser jigi mqabbad l-contract manager tal-kunsill biex imur fuq il-postijiet u jimmarka x'hemm f'kull triq.

4.12. Is-sindku zvela li l-spejjez ta' l-***open skips***, ser jiswew b' €20 aktar f'kull tunnellata. Il-Kunsill qabel li peress li l-ispejjez kienu ser jitilghu hafna u kien hemm mezz iehor kif jingabar dan it-tip ta' skart ikun ahjar li dan is-servizz jinqata. Gie deciz li r-residenti tar-rahal jigu nfurmati b'dan fejn ghalkemm dan is-servizz utli kien ser jispicca, l-poplu kien ser ikollu opportunita ferm ahjar minn dan is-servizz ghax jista' jmur jarmi dan it-tip ta' skart goff qrib Ghajnsielem stess, jigiefieri fis-Civic Amenity Site, limiti tal-Kus fix-Xewkija. Dan il-post hu miftuh ghal-uzu tal-poplu seba' t' ijiem fil-gimgha, inkluz il-Hdud u festi publici. Gie deciz li dawn l-*open skips* jitnehhew kompletament sa 3 xhur ohra.

4.13. Il-kunsill qabel li tithallas ***l-health insurance*** lill-kunsilliera kollha ghas-sena li gejja.

5. Ilmeni mir-residenti

5.1. Numri immarkati fuq l-arbli tad-dawl: is-sindku spjega li mat-*tender* il-gdid li hiereg fuq il-manuntenzjoni tad-dwal fit-toroq, wahda mill-kundizzjonijiet hija li min jirbah it-*tender* huwa fid-dmir li jimmarka mil-gdid il-bozoz kollha bin-numru taghhom, inkluz dawk imwahlin ma' l-arbli.

5.2. Bankina miksura triq Hamri: il-kunsill qabel li titranga.

5.3. *Pedestrian crossing* Triq J.F. de Chambrai: Is-sindku qal li peress li t-toqba ta' l-ilma tax-xita quddiem din il-pedestrian kienet qed tkun misduda spiss, kien ikun ahjar li ssir grada tal-hadid ma' tul il-*pedestrian crossing* kollha u b'hekk din il-problema tigi solvuta darba ghal dejjem. Il-prezenti qablu.

6. Devoluzjoni ta' l-art Ta' Passi

Il-kunsill qabel li jinbeda il-process ta' devoluzzjoni ta' din l-art sabiex ikun jista' japplika ghal-permessi necessarji mal-MEPA, kif ukoll ghal ghanijiet ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja fuq dan il-progett. Peress li l-process ta' devoluzzjonu huwa wiehed twil, il-kunsill qabel li ghandha ssir pressjoni biex mix-xahar t'Awwissu li gej ma jibqax jithallas qbiela fuq din l-art. B'hekk l-art tkun diga` f'idejn il-kontrol tal-Gvern Centrali u l-process ta' devoluzzjoni ta' din l-art lill-Kunsill ikun jista jihaffef.

7. Belvedere Triq Hamri

Is-Sur Joe Camilleri stqarr li r-rampa ta' dan il-belvedere issa ilha hafna fi stat dizastruz u in-accessibbli, b'mod partikolari taffetwa lil dawk in-nies bil-bzonnijiet specjali. Hu qal li kien hemm planki tal-konkos li kienu qed ikunu ta' ostakolu ghal-post. Hu kompla jghid li hemm bzonn li din ir-rampa terga tinbena fil-post original taghha u b'hekk terga issir accessibli ghall-dawn l-individwi. Is-sindku qal li hu fil-fatt kien tkellem mas-sid tal-progett li qed jinbena ma gemb il-belvedere biex kemm jista jkun malajr jitnehhew dawn il-planki u jigi rrangat l-belvedere ghall-istat originali tieghu, inkluz ir-rampa. Is-sid ta' dan il-progett spjega lis-sindku kif dawn il-planki gew impoggiha hemm temporarjament, izda ghadhom hemm peress li ghandu bzonn xi permess ghal-*minor amendement* min ghand il-MEPA. Huwa kompla jghid li kif johrog dan il-permess, il-planki jitnehhew minnufih u mmedjatament jinbeda x-xoghol fuq il-belveder. Is-Sid qieghed jestima li sa l-ahhar ta' Mejju, jkollu l-permessi necessarji biex jitkompla x-xoghol ta' l-ahhar fazi, u b'hekk jinbeda l-belvedere. Is-sindku kompla jghid li 22 ta' Marzu zar il-post il-perit Stefan Scotto mill-GPD fejn dan ikkonferma li l-hajt tad-divizjoni bejn il-belvedere u l-progett li qieghed jinbena hu skond kif kien originaljament.

8. *Pelican Lights*, Triq Mgarr

Fil-kunsill kien hemm qbil li ghandha tintbaghat ittra lill-perit Lara Demicoli tat-Transport Malta biex jinqalghu il-pelican lights li kien hemm quddiem il-Gozo Heritage peress li dan ma ghadux jopera u minflokk isiru aktar l-isfel fit-Triq Mgarr, ezatt bejn il-*crossroad* ta' Triq Cordina u Triq Ghajnsielem.

9. Triq Cordina

Is-sur Camilleri issugerrixxa li terga tinkiteb ittra lil-Ministru t'Ghawdex biex tigi asfaltata Triq Cordina (mic-cimiterju sal-heliport) u Triq il-Brighen. Huwa ssugerrixxa li tintbaghat kopja ta' l-ittra wkoll lill-Onor. Chris Said. Is-Sindku stqarr li temporanjament Triq Cordina ser tinghata *patching* b'materjal ta' tarmac li kien qed jinqala' minn Triq l-Mgarr. Il prezenti kollha qablu li ssir din il-pressjoni mal-Ministeru ghal-Ghawdex sabiex din it-triq issir bit-*tarmac* u tkun ta' alternattiva ghal-Triq Mgarr, specjalment meta jkun hemm xi incident tat-traffiku u xi attivitajiet.

10. Dranagg fix-Xatt l-Ahmar

Is-Sur Larry Buttigieg rega` gibet l-attenzjoni li fil-bajja tax-Xatt l-Ahmar qieghed jerga jkun hemm id-dranagg niezel minn go l-eghlieqi. Is-Sindku spjega li hemm xi hsarat f'xi-mina u peress li issa l-volum ta' dranagg kiber hafna, b'mod partikolari dak tal-bdiewa li jrabbu l-baqar, dan ma kienx qed ilahhaq jaddi minn go din il-mina. Dan bil-konsegwenza li qieghed ifur d-dranagg aktar spiss u jispicca fil-bajja tax-Xatt l-Ahmar. Is-sindku kompla jghid li d-Dipartiment tad-Dranagg qieghed juza` il-mezzi kolla mehtiega biex din is-sitwazzjoni tigi solvuta mill-aktar fis possibli u jnaqqas kull inkonvenjent lill-publiku.

Zjara f'Ghajnsielem minn Tolfa

Is-sindku zvela li gie ikkuntatjat mis-sindku ta' Tolfa, fejn qallu li xi grupp zghir ta' zaghzagh minn Tolfa, li jkantaw kanzunetti tradizzjonali taljani, kien ser jaghmel zjara f'Ghajnsielem mit-3 sas-7 ta' Gunju. Gie deciz li ghandu jitwaqqaf programm ghal din il-mawra. Il-programm ghandu jinkludi, zjara fil-gzira ta' Kemmuna, safari

tour, opportunita li dawn iz-zaghzagh ikantaw fic-Cittadella, r-Rabat u harga kulturali ghal Malta.

11. Gemellagg ma' Bethlehem

Is-Sindku qal li hu kellu telefonata minn Dr. Joe Mifsud li dak il-hin kien hdejn is-Sindku ta' Betlehem, fejn qallu li kien diga` tkellem mas-Sindku dwar il-possibilita li hemm biex isir xi tip ta' gemellagg bejn Betlehem u Ghajnsielem. Is-sindku qal li waqt din it-telfonata kellu l-opportunita` li jitkellem mas-sindku ta' Betlehem u qal li s-sindku kien herqan li jsir xi tip ta' ftehim bejn iz-zewg lokalitajiet. Hu zied jghid li lest jigi u jzur Ghajnsielem f'Dicembru li gej biex jara l-progett ta' Bethlehem f'Ghajnsielem. Is-Sindku temm il-konversazjoni mas-sindku ta' Bethlehem bi ftehim li bhala kunsill jitbaghat invit lis-sindku ta' Bethlehem ghal-dan il-progett, u huwa lest li jilqaha.

12. Kemmuna

Is-sindku stqarr li rega gie mwaqqaf action group fuq il-gzira ta' Kemmuna mil-Malta Tourism Authority fi hdan il-MEPA. Dan il-group hu maghmul minn diversi entitajiet, inkluz rapprezentant ta' l-*istake holders*, NGOs, Ministeru ghal-Ghawdex, lukanda ta' Kemmuna, kif ukoll mill-Kunsill Lokali Ghajnsielem. Dan il-grupp gie mwaqqaf biex jirregola certi abbuzi li jsiru fuq Kemmuna, b'mod partikolari fix-xhur tas-sajf. Is-sindku ta rendikont tal-laqgha li kellu flimkien mas-Segretaju Ezekuttiv mar-rapprezentanti tal-ghaqda 'Friends of the Earth', fejn dawn ghandhom progett imhejji ghal fuq Kemmuna, li jinvolvi l-aktar agri-agrikultura u agri-turizmu. Dawn qalu li kienu applikaw ghal-fondi mill-Unjoni Ewropea fuq dan il-progett. Is-sindku spjega l-fatt ukoll il-laghqa li kellu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv, mas-Sur Silvio Buttigieg, li huwa resident f'Kemuna. Dan wera' t-thassib tieghu li b' dan it-tip ta' progett tal-FOE tista ssir aktar hsara milli gid fuq Kemmuna, jekk kemm il-darba hu flimkien mal-kumplament ta' niesu li ghadhom jghixu fuq din il-gzira ma jkunux involuti fuq dan il-progett. Is-Sindku stqarr u ssuggerixxa li ssir laghqa mal-Ministru ghall-Ghawdex, ma rapprezentant tar-residenti ta' Kemmuna u rapprezentant tal-FOE flimkien mal-Kunsill Lokali Ghajnsielem biex issir diskussjoni fuq dan il-progett.

13. Bye-Law

Is-sindku ressaq il-punt li jkun xieraq jekk bhala kunsill jinbeda il-process ta' tfassil ta' Bye Law li tirregola l-attivitajiet ta' barra fuq il-gzira ta' Kemuna. Is-sindku spjega li r-residenti ta' Kemmuna qeghdin jirraportaw hafna attivitajiet, fosthom *camping BBQs, boat parties u affarijiet ohra* bla permess, u li qeghdin jaghmlu hafna hsara fuq l-art ta' Kemmuna peress li ma hemm ebda kontroll. Il-kunsill qabel li jibda dan il-process ta' tfassil.

14. Mera –Triq Cordina

Is-Sur Larry Buttigieg issugerrixxa li l-mera titwahhal aktar l-isfel fit-triq, peress li fejn kienet imwahhla fil-passat giet maqlugha kemm il-darba. Is-sindku qabel ukoll li jkellem lir-residenti li joqodu fil-vicin ghal-aktar pariri.

15. Attivita` ghan-*nursery*

Il-Kunsill qabel li titella' attivita b'kollaborazzjoni mal-kazin tal-*football* bis-sehem tan-*nursery*. Il-kunsill qabel li jhallas xi spejjez zghar li jigi nvoluti biex titella` din l-attivita`.

16. Notte Gozitano

Is-sindku spjega li fin-Notte Gozitano ser ikun hemm stand ghal kull rahal, li jistghu jarmaw fihom l-NGO's u ser ikunu minghajr hlas. Il-Kunsill qabel li issir laqgha apposta ma' l-ghaqdiet tar-rahal fejn tigi tiskussa din l-attivita`. Is-sindku qal li din kienet opportunita biex l-ghaqdiet jinghaqdu flimkien u b'hekk ikunu jistghu ibieghu prodotti Ghawdxin u l-qliegh kollu jinqasam bejniethom.

17. Suggerimenti

17.1. Is-Sur Peter Caruana issugerixxa li tinkiteb ittra lill-Lombard Bank, fejn isir suggeriment li fl-ufficini tal-posta li qeghdin jirrangaw fit-Triq Chambrai, issir ATM ghall-kumdita` tar-residenti.

17.2. Is-Sur Stephen Mercieca issugerixxa li jsir *line* abjad immarkat fit-Triq Benghazi, li juri 'Stop Sign'.

17.3. Is-Sur Larry Buttigieg issugerixxa li ssir l-applikazzjoni ghal-*sleeping police* fit-Triq il-Qighan u Triq Filfla. Is-Sur Caruana zvela li dan il-punt fit-Triq Filfla kien ga qajmu fil-passat.

17.4. Is-Sur Joseph Camilleri issugerrixxa li jittella hajt zghir fejn il-monument tal-gwerra, fil-parti fejn hu miftuh, biex b'hekk il-hamrija ma tkunx tista tixxerred fuq il-bankina.

17.5. Is-Sur Camilleri issugerixxa biex niktbu lil knisja jew lill-Monsinjur li jiehu hsieb il-Kappella ta' Kemmuna biex terga tibda ssir il-festa tal-Madonna tal-Herba, li kienet issir ilu fuq din il-gzira.

Il-laqgha ntemmet fis-9.11pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill, nhar il-Hamis, 13 ta' Mejju 2010, fil-5.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv